# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 64

4 t'April 2023

L-erba' u sittin (64) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 4 t'April 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

64.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

64.1.1. Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji.

64.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

64.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tat-tielet u sittin (63) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

64.2.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 63.9.2 li għandha taqra "anniversarju ta' tliet mitt sena".

64.2.3. Is-Sindku VB għamel riferenza għal materja nru 63.9.2. u ppropona li tiżdied il-frażi "nistiednu l-għaqdiet *bħalma jsir ta' kull sena".*

64.2.4. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, SHH, VB, AD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

64.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 63.2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-SE qal li kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

64.2.6.

64.2.6.1. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jistax ikellem lil tal-Public Works dwar dan. Il-Kunsill qabel.

64.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 63.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-bankina ta' ħdejn il-monument tal-Gwerra. Is-Sindku wieġeb li f'laqgħa li kien hemm mal-Ministru Aaron Farrugia, flimkien mal-Kunsilliera SSH, kien talab li l-bankina tiġi rranġata. Il-Kunsilliera SSH qalet li biex isir dan ix-xogħol hemm bżonn li jinġiebu diversi permessi u tali proġett jinvolvi diversi ministeri fejn fosthom ser jipprovaw jinvolvu lil GHRC. Hija kompliet billi kkonfermat li kien hemm ir-rieda li l-bankina ssir.

64.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 63.2.5 u staqsa jekk il-Kunsill irċeviex risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos, u jekk kienx hemm xi risposta rigward il-fanali ornamentali.

64.2.8.1. Is-Sindku rrefera għal intervista mal-Kunsillier JAE li dehret fil-gazzetta xi ftit tal-jiem ilu. Huwa qal li jħoss li l-mod kif inkiteb l-artiklu kien wieħed dispreġjattiv u partiġġjan.

64.2.8.2. Il-Kunsillier JAE qal li ma jaqbilx u li ma kien qal xejn li mhux minnu jew li mhux diġà kien pubbliku għax diġà kien kiteb dwar din il-materja fuq il-medja soċjali tiegħu. Huwa qal li kien għamilha ċara ma' min kien intervistah li l-kwistjoni ma kinitx waħda partiġġjana u li m'għandu jkun hemm l-ebda element ta' partiġjaniżmu.

64.2.8.3. Is-Sindku qal li l-fanali ornamentali kienu ilhom jinqalgħu u jerġgħu jitwaħħlu mis-sena 2007, kemm ilu jsir l-Isle of MTV. Huwa qal li ġara li mbagħad kienu iddeċidew li dawn ma jerġgħux jitwaħħlu. Huwa qal li ilhom isiru ħsarat fil-Fosos snin twal.

64.2.8.4. Il-Kunsillier JAE qal li hu jista' jitkellem biss fuq x'ġara matul il-leġiżlaturi li kien jifforma parti minnhom hu.

64.2.8.5. Is-Sindku qal ukoll li l-kummenti li tefgħu in-nies taħt il-post kien imisshom tneħħew għaliex uħud minnhom kienu partiġġjana.

64.2.8.6. Il-Kunsilliera SSH qalet li kumment minnhom kien qal li s-Sindku missu tkellem u qalet li l-Kunsillier JAE missu kkoreġih li s-Sindku kien tkellem. Il-Kunsillier JAE wieġeb li ma kienx ra dan il-kumment. Huwa qal li l-kumment ma kienx inkiteb minnu u għalhekk iħoss li hija inġusta li jiġi attakkat fuq kumment li għamel ħaddieħor ladarba teżisti l-libertà tal-espressjoni.

64.2.8.7. Il-Kunsillier SSH qalet li l-irġulija kienet titlob li tali kummenti jitneħħew għax jitfgħu dawl ikrah fuq il-Kunsill. Il-Kunsillier JAE qal li hu personali ma kien kiteb kontra ħadd u li jekk ġie mitlub jagħti intervista għandu kull dritt itiha ladarba fl-intervista tkun qed tingħad il-verità.

64.2.8.8. Il-Kunsilliera JP qalet li la l-kumment kien pubbliku setgħu iwieġbu fuqu l-kunsilliera kollha. Il-Kunsillier JAE qal li ma kellux ċans joqgħod jaqra kull kumment li tefgħu in-nies. Huwa qal li meta jkun hemm aġir mhux tajjeb, huwa responsabbli min tefa' l-kumment mhux min hu l-amministratur tal-paġna. Huwa qal li hu personali ma kien ta tort lil ħadd u lanqas ipponta swaba.

64.2.8.9. Il-Kunsillier JAE qal li għandha tintbagħat tfakkira lil ministeru konċernat forsi jkun hemm tweġiba u din il-materja tissolva. Il-Kunsill qabel li tintbagħat tfakkira.

64.2.8.10. Il-Viċi Sindku AD qal li l-artiklu ma qrahx imma minn hawn toħroġ il-problema tal-kunsilli fejn kunsill ma jistax ikollu biċċa mil-lokalità għand entità u biċċa oħra għand entità oħra, iżda l-kunsill għandu jkun responsabbli għal dak kollu li hu fil-lokalità.

64.3.1.1 Is-Sindku qal li dik is-sistema taħdem biss f'pajjiżi oħra għax is-sistema nazzjonali hija waħda differenti.

64.3.1.1 Il-Viċi Sindku AD qal li l-entitajiet jaqbżu lil Kunsill mingħajr koordinazzjoni u konsultazzjoni u din hija problema persistenti.

64.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 63.4.1 rigward il-kamera tas-sigurtà ta' Bieb il-Bombi. Is-SE wieġeb li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

64.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 63.4.2 rigward is-sinjali tal-veloċità fi Triq Nazzjonali u fi Triq Sant'Anna. Is-SE qal li l-Perit Vassallo kien wieġeb li d-deċiżjoni trid tittieħed minn Transport Malta u li huma mbagħad jiżbgħu is-sinjali skont l-istruzzjonijiet ta' Transport Malta. Il-Kunsillier JAE ppropona li tintbagħat tfakkira mhux biss fuq iż-żebgħa imma anke fuq it-tabelli.

64.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 63.4.5 u 63.4.6 rigward it-tabelli tal-Waterfront u staqsa jekk dawn kienux ġew ordnati. Is-SE qal li t-tabelli kienu ordnati biss kienu għadhom ma waslux. Fir-rigward tal-mappa tal-Belt Valletta li hemm ħdejn il-Waterfront, Il-Kunsill qabel li l-Kunsill jibgħat lill-kunsill lokali tal-Belt Valletta sabiex din titmexxa.

64.2.11.1. Is-Sindku qal li kellhom isiru wkoll it-tabelli ħdejn il-funtana tal-Iljun sabiex jindikaw id-direzzjoni għall-monti tal-Ħadd. Huwa qal li jistgħu jitwaħħlu tabelli anke n-naħa tal-monument tal-gwerra.

64.2.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 63.4.8 u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-bankijiet ta' quddiem id-Dar tal-anzjani. Is-SE qal li kien ordnahom iżda kienu għadhom ma waslux.

## 64.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

64.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Friends of the Earth fejn talbu permess sabiex jiġu nstallati tliet bike racks ħdejn Trasport Malta. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni jekk se jsiru minnhom.

64.3.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-korsijiet tal-kompjuter li qed jingħataw darba fil-ġimgħa fid-Dar tal-Kunsill. Huwa kompla billi qal li l-kumpanija TCTC kienu qed joffru sabiex jiġi organizzat kors tal-kompjuter għat-tfal. Il-Kunsill qabel li jħallas għat-tfal li joqgħodu l-Floriana miftuħ għat-tfal tal-lokalità u li jaċċetta bil-kundizzjoni li l-korsijiet isiru l-Floriana u mhux f'lokalità oħra.

64.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-kumpanija Starbucks – Valletta Waterfront li bħala parti mis-CSR tagħhom jixtiequ jnaddfu xi żona fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' magħhom sabiex jiddiskuti l-proposta tagħhom f'iktar dettall.

64.3.4. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għall-installazzjoni ta' panic buttons u DVR. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li tammonta għal €1004.18.

64.3.5. Is-Sindku VB qal li kien hemm bżonn li ssir żabra fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V anke sabiex ma jtellfux il-kameras tas-sigurtà. Il-Kunsill qabel.

64.3.5.1. Is-Sindku ppropona wkoll li titranġa l-pożizzjoni ta' xi wħud mil-kameras sabiex ikopru ż-żona kollha.

64.3.6. Il-Kunsilliera SSH ppropponiet li ssir żabra ta-nofs tal-bitħa tal-Housing Estate. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

64.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Science Centre ta' Pembroke fejn ppropponew lill-Kunsill jorganizza Junior Science Club fid-Dar tal-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx mal-offerta.

64.3.8. Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni formali tal-Kunsill il-memo interna li permezz tagħha l-Kunsill ġie nformat li s-Sur Zammit McKeon ma kienx laqa' n-nomina u li permezz tagħha kien ġie nnominat is-Sur Edward Torpiano. Il-Kunsill approva.

64.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fsobians fejn offrew lill-Kunsill sabiex jinnomina lil xi ħadd għat-Tonna Trophy.

__**Nota: 18:12 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**__

64.3.9.1 Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Sur Paul Ellul u lis-Sur Heathcliff Balzan.

__**Nota: 18:17 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**__

64.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-SPI fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward l-iskema t'attivitajiet kulturali 2023-2024. Is-SE spjega li skont iċ-ċirkulari li ntbagħtet, l-iskema tal-attivitajiet kulturali qed tinkludi wkoll l-attivitajiet relatati ma' żmien il-Milied, iżda li l-Kunsill jista' japplika biss għal attività waħda. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-attività Ġenna ta' Ġonna bħala l-attività kulturali prinċipali li sir fil-Floriana.

## 64.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

64.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill irċeviex mingħand il-Lands Department fir-rigward tad-dokumenti mibgħuta. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemm l-ebda risposta.

64.4.2. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi tweġiba mingħand l-ERA rigward il-kameras tat-toroq. Is-SE qal li nformawh li għadhom għaddejjin bl-istudji tagħhom. Huwa żied jgħid li l-Kunsill kien applika wkoll mar-Reġjun.

64.4.3. Il-Kunsilliera JP staqsiet rigward il-ġabra tal-iskart goff u qalet li nnutat li ċertu skart goff kien qed jinħareġ diversi jiem qabel il-ġabra. Is-SE qal li r-residenti huma nfurmati li l-iskart joħorġuh filgħodu fit-8am. Huwa qal li s-servizz jingħata tliet darbiet fil-ġimgħa u għalhekk l-iktar li wieħed jista' jagħmel jistenna huwa perjodu ta' tliet ijiem. Is-SE qal ukoll li riċentement kien hemm diffikultà rigward kollezzjoni minnhom biss din ma kinitx in-norma.

64.4.4. Il-Viċi Sindku AD qal li kien staqsa rigward il-cable li hemm għaddej fi Triq Sant’Anna u kkonferma li ma kienx tal-Enemalta. Huwa qal li kien ser ikompli jindaga sabiex jiġi determinat ta’ min kien.

64.4.5. Il-Kunsilliera SSH talbet li ssir manutenzjoni tat-tabelli kollha li hemm madwar il-lokalità. Il-Kunsill qabel.

64.4.6. Il-Kunsillier SSH pproponiet li l-Kunsill jinforma lill-Melita sabiex iduru dawra l-cables tal-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

64.4.7. Il-Kunsilliera SSH qalgħet li kienet inqalgħet is-sleeping police ta’ Triq San Franġisk. Il-Kunsill qabel li din titranġa.

64.4.8. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm tweġiba rigward iż-żieda tad-dawl ħdejn Bieb il-Bombi. Is-SE qal li għandu jieħu ħsieb jikteb lill-entità responsabbli.

64.4.9. Is-SE qal li kienu wieġbu rigward it-traffic lights tan-nofs ta’ Triq Sant’ Anna qabel iddur ħdejn il-Kunsill u nformaw li jafu bis-sitwazzjoni. Huwa qal li kien informat li meta tinxtegħel, kien qed jiġi kkawżat fault fit-traffic lights kollha u għalhekk din tinsab mitfija sakemm jinstab il-fault u tissewwa l-ħsara.

64.4.10. Is-Sindku għamel talba li terġa’ tintbagħat tfakkira rigward il-bankina qabel ma jsir xi aċċident.

## 64.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati

64.5.1. Ma kien hemm l-ebda rapport ta’ laqgħat ta’ kumitati u/jew sottokumitati.

## 64.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti

64.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 47/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

64.6.2. Is-Sindku VB nforma li ser ikun qed jintrama’ l-fustun fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V bħalma soltu jsir.

64.6.3. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward l-armar ta’ San Publju Patrun ta’ Malta. Is-SE qal li dik kienet miżmuma l-Kunsill sakemm tiġi armata mill-istess nies tas-sena ta’ qabel nhar ta’ Sibt.

64.6.3.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

**Nota: 18:44 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

64.7 **ĠIEĦ IL-FLORIANA**

64.7.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Sna Davina Sammut Hili għal Ġieħ il-Floriana, bħala l-ewwel mara Furjaniża li ġiet eletta fil-Parlament Malti. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 18:45 Il-Kunsilliera SSH irritornat għal-laqgħa.**

64.7.2. Is-Sindku kompla billi qal li bħalma jsir ta' kull sena, il-Kunsill għandu jagħżel in-nies li ser jiġu mogħtija rikonoxximent dakinhar ta' Jum il-Floriana.

64.7.3. Is-Sindku qal li l-bord tal-evalwazzjoni kien ser jiltaqa' l-għada sabiex jiddiskuti n-nominazzjonijiet riċevuti.

64.8 **JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA**

64.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li Jum il-Floriana kienet ser tinżamm nhar id-9 ta' Mejju 2023. Huwa qal li kien informa lill-Arċipriet sabiex issir quddiesa dakinhar kif ukoll li kienu ġew mistiedna l-għaqdiet kollha tal-lokalità.

64.8.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jippreżenta l-fjuri quddiem il-monument ta' Pietro Paolo Floriani.

64.8.3. Il-Kunsill qabel li għas-sena ta' wara, il-banda tista' timxi n-naħa l-oħra.

64.8.4. Il-Viċi Sindku AD qal li hemm biċċa ħadida perikoluża fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V li kien hemm bżonn titneħħa jew titranġa. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat lill-ħaddiem manwali sabiex tittieħed azzjoni.

64.8.4.1. Is-SE ta spjega fuq kif jaħdmu il-UIF Funds u qal li l-piċċijiet għadhom ma sarux biss hemm pjan li dawn isiru kif ukoll fondi mill-istess UIF Funds ladarba jibda' l-proċess.

64.9 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL**

64.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li matul din l-edizzjoni tal-festival kienu ser jipparteċipaw għaxart ikmamar tan-nar b'żewġ raddiena kull waħda.

64.9.2. Il-Kunsillier JAE talab lis-SE sabiex jipprovdi d-dettalji tal-kmamar tan-nar li ser jipparteċipaw sabiex ikun jista' jtellagħhom fuq il-websajt.

64.9.3. Is-SE qal li kienu saru t-toqob tal-arblu biss kellhom jinbidlu xi covers minnhom għax kienu ġew iżgħar mit-toqob. Huwa qal li x-xogħol kellu jitkompla l-għada u għalhekk mistenni jitlesta dalwaqt.

64.9.4. Is-Sindku nforma li d-delagazzjoni minn Macerata ma kienitx ġejja minħabba impenji oħra tal-Kunsill li diġà kellhom.

## 64.10 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

64.10.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta'Mejju 2023 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 8 ta' Mejju 2023**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |